MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 31/2003

**Lorenzo Galea.**

**vs.**

**Michael Cunningham u b'digriet tal-Qorti tad-29 ta' Ottubru 2003 giet ordnata l-intervenut fil-kawza tas-socjeta' Elmo Insurance Agency Limited in rapprezentanza tas-socjeta` estera Royal & Sun Alliance Insurance plc.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 13 ta' Jannar 2003 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi nhar il-Hamis 22 ta' Gunju 2000, ghall-habta ta' 11.45 a.m. waqt li l-attur Lorenzo Galea kien isuq il-mutur Honda numru ta' registrazzjoni FAH 398 go Triq il-Helsien Qormi, il-konvenut kien isuq il-van Isuzu numru ta' registrazzjoni DBD 548 fl-istess triq gej mid-direzzjoni opposta, habta u sabta l-istess konvenut qasam il-linja tat-triq ta' l-attur biex idur go triq ir-Rebbiegha, u kkaguna ncident stradali.

Illi b'rizultat ta' dan l-incident l-attur sofra danni fi hsarat fil-mutur tieghu u *inoltre* wegga' serjament u baqa' jsofri minn disabbilta` permanenti, *oltre* li garrab telf ta' qliegh mix-xoghol.

Illi l-istess incident gara unikament bi htija tal-konvenut minhabba traskuragni, negligenza, imperizja, nuqqas ta' hsieb u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti.

Illi minkejja li gie nterpellat biex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni kagonati minnu l-konvenut baqa' inadempjenti.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjarah responsabbli ghall-incident imsemmi tat-22 ta' Gunju 2000, u ghad-danni kollha li sofra l-attur b'konsegwenza ta' l-istess.

2. Tillikwida d-danni *okkorrendo* bl-operat ta' perit nominandi.

3. Tikkundannah ihallas lill-attur is-somma hekk likwidata u dikjarata bhala dovuta *in linea* ta' danni.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittri legali 11 ta' Awissu 2001, 1 ta' Settembru 2001, 15 ta' Marzu 2001, u 27 ta' April 2002, u ta' l-ittra ufficjali tas-17 ta' Gunju 2002, u bl-imghax legali kontra l-konvenut li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti u mmarkati minn Dok “A” sa Dok “C” kif jidher a fol. 4 sa fol. 13 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tal-25 ta’ Novembru 2003.

Rat ir-rikors ta’ Elmo Insurance Agency Limited, in rapprezentanza tas-socjeta` estera Royal & Sun Alliance Insurance plc datata 24 ta’ Ottubru 2003 a fol. 18 tal-process, fejn is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti joghgobha takkorda l-intervent taghha fil-kawza fl-ismijiet premessi *statu et terminis;* u l-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri laqghet it-talba bid-digriet taghha moghti fid-29 ta’ Ottubru 2003 kif jidher a fol. 22 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn fis-seduta tat-30 ta’ Novembru 2005 Dr. Pawlu Lia pprezenta d-dokumenti rikjesti mis-socjeta` intervenuta fis-7 ta’ Ottubru 2005. Il-kawza giet differita ghad-9 ta’ Frar 2006 ghall-ezami tad-dokumenti prezentati.

Rat in-nota ta’ l-attur datata 23 ta’ April 2004 (fol. 26) li permezz taghha esebixxa l-affidavits tieghu u ta’ Claire Abela.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-intervenut fil-kawza s-socjeta` Elmo Insurance Limited [C 3500] datata 18 ta’ Frar 2005 a fol. 52 tal-process fejn gie eccepit illi:-

1. Da parti tas-socjeta` eccipjenti ma hemmx opposizzjoni li favur l-attur ikun hemm likwidazzjoni u hlas ta’ dawk id-danni li mill-provi jkun jirrizulta li skond il-ligi kienu attwalment u materjalment subiti mill-attur bhala konsegwenza ta’ l-incident awtomobilistiku in kwistjoni.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-intervenut fil-kawza s-socjeta` Elmo Insurance Limited a fol. 52 u 53 tal-process.

Rat li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat fid-29 ta' Awissu 2003 huwa ma pprezenta l-ebda nota ta' eccezzjonijiet u lanqas deher fil-kawza u baqa' kontumaci.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta ta' l-14 ta' Gunju 2004 deher Dr. Joseph Zammit McKeon ghall-intervenut fil-kawza. L-attur prezenti. Il-konvenut Cunningham huwa kontumaci. Dr. Pawlu Lia ssejjah diversi drabi baqa' ma deherx. Dr. Zammit McKeon nforma lill-Qorti li hu qed jissuggerixxi li r-rapport mediku *ex-parte* ta' Dr. Frederick Zammit Maempel jigi aggornat ghallum. F'dan l-istadju dahal Dr. Lia fejn iddikjara li l-klijent tieghu qabel li jerga' jarah Dr. Zammit Maempel ghal dan l-iskop u fil-mori ta' dan id-differiment u ghandu jipprezenta kopja ta' l-istess rapport aggornat fir-Registru b'kopja lid-difensur tal-intervenut fil-kawza. *In vista* ta' dan Dr. Joseph Zammit MaKeon iddikjara li m'ghandux bzonn in-nomina ta' Perit Mediku. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghad-9 ta' Novembru 2006.

Rat ir-rapport mediku addizzjonali tal-Perit Mediku Frederick Zammit Maempel ipprezentat fis-27 ta' Novembru 2006 u mahluf fit-18 ta' April 2007 kif jidher a fol. 84 tal-process.

Rat in-nota ta' l-attur Lorenzo Galea datata 9 ta' April 2007 (fol. 86).

Rat in-nota risponsiva tas-socjeta' Elmo Insurance Limited, intervenuta fil-kawza, ghan-nota ta' l-attur tad-9 ta' April 2007, ipprezentata fil-11 ta' April 2007 (fol 89).

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta tat-8 ta' Mejju 2007, fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Pawlu Lia ghall-attur. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Ottubru 2007. Aktar

tard deher Dr. Joseph Zammit McKeon li ha konjizzjoni tal-verbal indikat.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din il-kawza titratta dwar incident stradali li sehh nhar il-Hamis 22 ta’ Gunju 2000, ghall-habta ta’ 11.45 a.m. meta l-attur Lorenzo Galea li kien isuq il-mutur Honda Numru ta’ registrazzjoni FAH 398 go Triq il-Helsien Qormi habat mal-konvenut li kien isuq il-van Isuzu Numru ta’ Registrazzjoni DBD 548 fl-istess triq gej mid-direzzjoni opposta, u l-kollozzjoni sehhet meta l-konvenut habta u sabta qasam il-linja tat-triq ta’ l-attur biex idur go triq ir-Rebbiegha, u b’hekk ikkaguna dan is-sinistru.

Illi din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur kien ghaddej fi Triq il-Helsien, Qormi mid-direzzjoni ta’ Haz Zebbug, u l-konvenut kien ghaddej min-naha opposta, meta f’daqqa u l-hin l-istess konvenut dar fuq il-lemin tieghu sabiex jidhol fi Triq ir-Rebbiegha, b’dan li ostakola lill-attur peress li dahal fil-karreggjata tieghu u b’hekk saret il-kollizzjoni u dan jinsab ikkonfermat mix-xhieda ta’ l-istess attur u wkoll mir-rapport ta’ l-incident. F’dak li xehed PS 160 Mario Mifsud li nvestiga l-incident jirrizulta li meta kellmu lill-konvenut dan ma jidhirx li kien jaf minn fejn kien gej il-mutur misjuq mill-attur, u dan fih innifsu juri li l-konvenut ma hax il-prekawzjonijiet necessarji sabiex qasam ghal fuq il-lemin tieghu, u lanqas esplora dak li kien hemm quddiemu, haga li kien obbligu tieghu li jaghmel la darba kien ser jidhol fil-karreggjata minn fejn kien ghaddej l-attur.

Illi huwa sintomatiku li l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **“Jesmond Bonello vs Giulio Baldacchino”** deciza fil-15 ta’ Jannar, 1997 qalet illi:

*"... f'materja ta' determinazzjoni ta' responsabbilta' ghall-incident awtomobilistiku l-Qorti ghandha dejjem tiggudika a bazi ta' dak li jirrizultalha li kienet il-kawza prossima w immedjata tieghu u tapplika ghalih ir-regoli li s-sewwieqa kienu obbligati josservaw u jobdu. F'materja ta' sewqan huma r-regolamenti u t-tharis u l-ksur taghhom li jaddebitaw ir-responsabbilta' u mhux l-ekwita' u gudizzju approssimattiv. Huma dawn ir-regolamenti li ghandhom jigu rigidament applikati. Dan biex jigi assigurat l-ordni, fir-rispett ta' l-istess regolamenti, li wahdu jista' jipprevjeni l-incidenti."*

Illi jinghad ukoll li wiehed irid isib f'kull kaz il-kawza prossima tal-istess incident u f'dan il-kuntest japplika dak li nghad fil-kawza **"Amadeo Mea vs Carmelo Vella"** (A.C. 24 ta' Jannar 1966) li ghall-fini ta' allokament ta' responsabbilta ghall-kollizzjoni dak li legalment ghandu jigi rigwardat hu n-ness ta' kazwalita' prossima u effettiva tal-istess sinistru. F'dan il-kaz ma hemm l-ebda dubju li kien l-konvenut il-kawza prossima ta' l-incident u dan peress li sabiex idur fuq il-lemin tieghu huwa dahal fil-karregjata ta' l-attur minghajr ma ha l-prekawzjonijiet necessarji, b'dan li kkawza s-sinistru. **("Sandra Bartolo vs Joseph Farrugia" –** P.A. (RCP) – 2 ta' Ottubru 2001). B'hekk l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha kemm ghaliex ippruvata u kemm ghaliex lanqas hija verament ikkontestata lanqas mill-intervenut fil-kawza.

Illi dwar danni attwali kkawzati mill-incident indikati bhala *damnum emergens* ma hemmx dubju li hemm l-ammont ta' Lm200 (€465.87) bhala telf ta' valur tal-mutur u Lm90 (€209.64) spejjez ta' tobba. Minbarra dan l-attur qed isostni li tilef l-ammont ta' Lm2,782.23 (€6,480.85) bhala *overtime* u *allowances* ghaliex ma setax imur ghax-xoghol bejn it-22 ta' Gunju 2000 sat-2 ta' Novembru 2000. Dan qed jigi kkontestat mill-kjamat fil-kawza peress li skond huwa ma hemmx prova li l-istess attur kien nieqes mix-xoghol minhabba dan l-incident.

Illi pero' dan ma hux minnu ghaliex fl-ewwel lok hemm ix-xhieda ta' l-istess attur, ta' Claire Abela rappresentanta ta'

l-Enemalta Corporation fejn jahdem l-attur u wkoll hemm ic-certifikat ta’ l-espert mediku Mr. Frederick Zammit Maempel li spjega li l-istess attur kien soffra l-griehi ndikati fl-istess rapport mediku u gie ndikat li huwa soffra minn dak li tissejjah bhala *Smith’s fracture* u jinghad li sar l-intervent mediku hemm indikat u li huwa serrah idejh ghal sitt xhur u attenda ghall-fisjoterapija regolarment u dahal lura ghax-xoghol fil-5 ta’ Novembru 2000, u b’hekk l-istess espert mediku, li ma gie kkontestat minn hadd mill-partijiet u mis-socjeta’ intervenuta fil-kawza, mkien ma indika li huwa b’xi mod hass li tali *non attendenza* ghax xoghol ma kenitx kawza ta’ l-istess incident; anzi minn qari ta’ l-istess rapport mediku din il-Qorti thoss li l-assenza ta’ l-attur minn fuq ix-xoghol kienet proprja kawza ta’ l-istess incident. Anzi dan jidher li kien ikkonfermat minn rapport iehor ta’ l-istess espert mediku Mr. Frederick Zammit Maempel.

Illi din il-Qorti thoss li allura l-ammont ta’ *damnum emergens* huwa dak ta’ Lm3,073.23 (€7158.70), fil-waqt li l-ammont ta’ Lm200 (€ 65.87) bhala spejjez sabiex l-attur allegatament isewwi l-mutur ma gew bl-ebda mod ippruvati.

Illi dwar dik li hija dizabilita’ permanenti jirrizulta li l-attur kellhu 39 sena fid-data ta’ l-incident u sofra dizabilita’ permanenti ta’ 5% kif indikata mir-rapport ta’ l-espert mediku Mr. Frederick Zammit Maempel datata 5 ta’ Mejju 2001 (Dok. “C” – fol. 11) u l-istess ikkonferma b’rapport iehor datat 26 ta’ Novembru 2005. F’dak iz-zmien l-attur kellhu paga ta’ Lm4,412 (€10,277.20).

Illi dwar l-introjtu ta’ l-attur jidher li fis-sena 2000 huwa kellu paga ta’ Lm4,412 (€10,277.20) u ma’ dan ghandu jizdied l-ammont ta’ Lm116 (€270.21) bhala *bonus* tal-gvern li jwasslu ghall-ammont ta’ Lm4,528 (€10,547.40) (fol.71) u dwar l-*overtime* u l-*allowances* din il-Qorti thoss li fuq dan l-aspett ghandha timxi fuq dak indikat fis-sentenzi ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fil-kawzi fl-ismijiet **“Robert Camilleri vs Malta Shipbuilding Company Limited”** (A.C. 24 ta’ Settembru 2004) u **“Godfrey Buhagiar vs Malta Shipbuilding Company Limited et”**

(A.C. 25 ta' Frar 2005) fejn inghad li *"biex issir gustizzja l-ammont ta' overtime u f'allowances kellu jinghata, jew ahjar jigi kkalkulat, fuq bazi ta' hamsin (50) fil-mija) fuq l-ammont totali"* u dan ghar-ragunijiet hemm indikati fl-istess sentenzi li ghalihom qed issir riferenza.

Illi ghalhekk din il-Qorti sejra timxi fuq l-ammont ta' paga ta'
Lm4,528 u mieghu izzid l-ammont ta' Lm888.35,5 (Lm6,304.71 – Lm4,528 = Lm1,776.71 u 50% ta' l-istess jammonta ghall-Lm888.35,5 – (€10,547.40 u mieghu izzid l-ammont ta' €2069.30) (€14,686.02 - €10,547.40 = €4138.62 u 50% ta' l-istess jammonta ghall-€2069.30)) u li jwasslu ghas-somma ta' Lm5,416.35 (€12,616.70) u tenut kont li wiehed ghandu jiehu in konsiderazzjoni wkoll iz-zieda fil-potenzjal tad-dhul skond id-decizjonijiet fl-ismijiet **"Laura Formosa et vs Emanten Spiteri et"** (P.A. (TM) – 28 ta' April 2005); **"David Farrugia vs George Sammut"** (P.A. (JRM) – 9 ta' Dicembru 2004) u dak li wkoll gie msejjah bhala *moltiplicand* fil-kawza fl-ismijiet **"Middle Sea Insurance Company Limited et vs Stuart Psaila"** (P.A. (NC) – 8 ta' Ottubru 2004) din il-Qorti sejra timxi fuq l-ammont ta' Lm6,400 (€14,907.99).

Illi meta gara l-incident l-attur kellu 39 sena u l-*multiplier* ghandu jigi kkalkulat minn dak in-nhar ta' l-incident skond kif ikkonfermat fis-sentenza **"Evan Xuereb vs Vincent Spalding et"** (P.A. (JRM) 10 ta' Lulju 2003) u **"David Farrugia vs George Sammut"** (P.A. (TM) – 9 ta' Dicembru 2004 u **"Anthony Turner et vs Francis Agius et"** (A.C. – 28 ta' Novembru 2003) u fid-dawl tas-sentenzi ricenti nkuzi dawk indikati fejn jinghad li fil-kaz ta' *multiplier* l-Qorti ghandha thares lejn l-eta' tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji, u meta wiehed jikkonsidra dak li jissejjhu bhala *"the chances and changes of life'* u fid-dawl ta' decizjonijiet ta' din il-Qorti fl-ismijiet **"Gordon Spiteri vs Waste Control Services Limited"** (P.A. (RCP) 25 ta' Jannar 2000) u **"Lizio Agius vs Bernard Grech"** (P.A. (RCP) 31 ta' Jannar 2002) ser tadopera adoperat *multiplier* ta' tnejn u ghoxrin (22) sena ghal *working life expectancy*. Ghalhekk illikwidat id-danni kif gej:-

**Lm6,400 (€14,907.99) x 22 x 5% = Lm7,040 (€16,398.79)**

In vista tal-gurispudenza recenti mbaghad, u *in vista* tal-fatt li ghaddew seba’ (7) snin minn meta sehh l-incident u b’riferenza ghas-sentenzi **“Angelo Galea vs Joseph D’Agostino et”** (P.A. (JSP) 16 ta’ Dicembru 1996) u **“Olga Busuttil et vs Raymond Muscat”** (P.A. (GCD) 6 ta’ Gunju 1997) u **“Arthur Bonello nomine et vs James Camilleri et”** (P.A. (JSP) 13 ta’ Jannar 1998) u **“Darren Sammut vs Eric Zammit”** (P.A. (RCP) 29 ta’ Novembru 2001).

Illi fil-fatt fil-kawza fl-ismijiet **“Simon Chetcuti vs Alec Mizzi et”** (P.A. 20 ta’ Gunju 2002) inghad li:-

*“Il-Qorti thoss li dan il-persentagg ghandu jonqos bi 2% ghal kull sena li l-kwistjoni ddum ma tigi determinata b’mod li wara ghaxar snin dan it-tnaqqis ma jsehhx”.*

Illi fis-sentenza **“Maria Debono vs Andrew Vaswani”** (P.A. (PS) – 3 ta’ Ottubru 2003) inghad li:-

*“Kif gja gie manifest supra hi gurisprudenza pacifika (“**Joseph Abela –vs- Martin Spagnol**”, Prim’Awla, Qorti Civili, 30 ta’ Marzu 1993, fost bosta ohrajn) li ghandu jsir tnaqqis mill-percentagg (20%) biex jikkumpensa ghad-dewmien tal-proceduri gudizzjarji. Dan huwa motivat ukoll mill-fatt li ma hux sallum possibbli li jigi degretat il-hlas ta’ imghax mid-data li giet ikkagunta l-hsara (Vide “**Mark Caruana vs Grazio sive Horace Camilleri”,** Prim’Awla, Qorti Civili per Imhallef Joseph Said Pullicino, 5 ta’ Ottubru 1993). Fuq l-istregwa ta’ din id-decizjoni il-persentagg ta’ 20% ghall lump sum payment beda jigi ridott b’rata ta’ tnejn fil-mija (2%) kull sena mid-data ta’ l-incident sakemm tigi finalment deciza l-kawza”.* (Ara wkoll **“Concetta Brooks vs Emanuela Sare”** (P.A. – 12 ta’ Gunju 1956 – Vol. XL.ii.31).

Illi ladarba ghaddew seba’ snin mid-data tal-incident, it-tnaqqis ghall-*lump sum payment* ma ghandux ikun ta’ iktar

minn 6% u b'dan ghalhekk li l-ammont fuq indikat ghandu jinzel b'Lm422.40 (€983.93) ghall-Lm6,617.60 (€15,414.86).

Illi dan l-ammont ghandu jizdied ma' l-ammont ta' Lm3,072.23 (€7156.37) fuq likwidat u b'hekk id-danni kollha sofferti mill-attur kawza ta' l-istess incident jammontaw ghall-Lm9,689.83 (€22,571.213).

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, u fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' intervenuta fil-kawza biss in kwantu l-istess huma nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident imsemmi tat-22 ta' Gunju 2000, u ghad-danni kollha li sofra l-attur b'konsegwenza ta' l-istess.

2. Tillikwida d-danni fl-ammont ta' disa' t'elef, sitt mija u disgha u tmenin Lira Maltija u tlieta u tmenin centezmu (Lm9,689.83) [tnejn u ghoxrin elf, hames mija u wiehed u sebghin Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu ta' l-Ewro (€22,571.23)].

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma hekk likwidata u dovuta *in linea* ta' danni fl-ammont ta' disa' t'elef, sitt mija u disgha u tmenin Lira Maltija u tlieta u tmenin centezmu (Lm9,689.83) [tnejn u ghoxrin elf, hames mija u wiehed u sebghin Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu ta' l-Ewro (€22,571.23)].

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittri legali 11 ta' Awissu 2001, 1 ta' Settembru 2001, 15 ta' Marzu 2001, u 27 ta' April 2002, u ta' l-ittra ufficjali tas-17 ta' Gunju 2002, u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------